A.L. 103 ta' l-1980

ATT TA' L-1977 DWAR L-ENEMALTA
(ATT NRU. XVI TA' L-1977)

Regolamenti ta' l-1980 li jemendaw ir-Regolamenti fuq il-Provvista tal-Kurrent Elettriku (Emenda Nru. 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 39 ta' l-Att ta' l-1977 dwar l-Enemalta, l-Enemalta, bl-approvazzjoni tal-Ministru ta' l-Iżvilupp, Enerġija, Port u Telekomunikazzjonijiet, għamlet ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' 1980 li jemendaw ir-Regolamenti fuq il-Provvista tal-Kurrent Elettriku (Emenda Nru. 3) u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1939 fuq il-Provvista tal-Kurrent Elettriku, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

G.N. 223 ta' l-1940

(2) Dawn ir-regolamenti għandu jkollhom effett, dwar kull konsumatur, minnufih wara l-ewwel qari tal-meter ta' l-elettriku relattiv wara l-ewwel ta' Jannar, 1981:

Iżda, meta xi *meter* ma jkunx aċċessibbli għall-qari f'dak il-jum meta l-*meter reader* imur għand il-konsumatur għal dan il-għan, dawn ir-regolamenti għandhom, dwar kull konsumatur bħal dak, ikollhom effett minn dik id-data.

Jemenda l-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. L-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) minflok il-figuri "£2.12,5", "2c1" u "2c7" għandhom jidħlu rispettivament il-figuri "£2.25,0", "2c2" u "2c8"; u

(b) minflok il-kliem "lira, sebgħa u tmenin ċenteżmu u ħames milleżmi" li hemm fl-ewwel proviso għandhom jidħlu l-kliem "żewġ liri".

Jemenda t-Tieni Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

3. Fit-Tieni Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali minflok il-figuri "£4" u "3c8" għandhom jidħlu rispettivament il-figuri "£4.50,0" u "3c9".

Jemenda r-Raba' Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

4. Fir-Raba' Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali minflok il-figuri "2c8" għandhom jidħlu l-figuri "2c9".